Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Monica Vella LL.D.; M. Jur.

Il-Pulizija

Vs

Joseph Agius

Kaz numru: 6135/2023

Seduta Distrett Rabat

Illum: 21 ta' Frar 2025;

Il-Qorti,

Rat l-akkuza prezentata mill-Pulizija Ezekuttiva kontra:

Joseph Agius ta' 32 sena bin Paul u Maria Assunta xebba Micallef, imwieled Pieta, nhar is-07/06/1990, resident Joseph F/H, Hofra ta' Ritz, limiti tar-Rabat, Malta, bin-numru tal-Karta tal-Identita: 290590M;

Akkuzat talli nhar l-14 ta' Novembru 2022 u/jew fil-granet ta' qabel gewwa l-limiti ta' l-Ibjar, l-Imtahleb, l/o Rabat, Malta:

1.) Insulentajt, ingurjajt jew heddidt bi kliem jew b'mod iehor lil Nicholai Galea.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija minbarra mil-piena applikabbli tapplika Sec382A u 383, 384,385 u 412 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-harsien ta' Nicholai Galea.[1]

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Rat li fis-seduta tal-11 t'Ottubru 2024 il-prosekuzzjoni iddikjarat li ser tistrieh fuq il-provi in atti.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-parte civile u tad-difiza.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Il-Fatti fil-Qosor.

Dan il kaz jirrigwarda allegazzjoni minn naha ta' Nicholai Galea li l-imputat fl-14 ta' Novembru 2022 u/jew fil-granet ta' qabel fl-Imtahleb heddu, insulentah u ingurjah.

Provi:

[1] Folio 1 tal-process

Xehed **PC 895 Joseph Scicluna**[2] li qal li fil-15 ta' Novembru 2022 l-kwerelant Nicholai Galea u missieru Saviour Galea marru l-ghassa tar-Rabat fejn Nicholai Galea irraporta li l-imputat, fost l-ohrajn u ma' nies ohra f'Lulju tal-istess sena kienu bdew jibnu dura fl-art li ghandu l-kwerelant ma' nies ohra u li ghadha mhix maqsuma. Huwa spjega li dwar dan sar rapport. Huwa kompla jghid li fl-14 ta' Novembru 2022 certa Clive cempillu u meta iltaqghu qallu 'ha dejjaqli zobbi u nimsah kull m'hemm bik' u staqsieh ukoll ghalfejn kien irraportah f'Lulju. Zied jghid li l-imputat Joseph Agius ghal diversi drabi wara li sari r-rapport f'Lulju, qallu ukoll li jekk ha jwaqqfu milli jidhol ha jpattihielu u jgib gaffa u jaqleb kull m'hemm.

Ix-xhud ikompli ghid illi hu sejjah lill-imputat u wara li inghata s-solita twissija skond il-ligi huwa spjega li wara t-28 ta' Lulju 2022 hu ltaqa' mal-kwerelant madwar tlett gimghat ilu u fl-ebda hin ma heddu u insulentah u tkellmu biss fuq kacca fil-prezenza ta' Clive Muscat. Qal li dan huwa rapport falz. Fit-18 ta' Novembru 2022 l-imputat irraporta illi l-ghada li kellmuh il-Pulizija kien avvicinah Saviour Galea li qallu li t-theddid kien semghu minn terzi persuni u mhux minn ghandu dirett.

Clive Muscat mitkellem mill-pulizija fit-18 ta' Novembru 2022, ukoll cahad li qatt hedded lil Nicholai Galea. Jghid li dan qal li qatt ma kien hemm dizgwid fil-passat. Qal li hu jidhol fil-propjeta' biss bil-permess ta' certu Michael Galea li huwa s-sid.[3]

[2] Permezz ta' Affidavit a folio 2 tal-process.
[3] Folio 2 tal-process.

Xehed **Nicholai Galea** nhar il-11 ta' Ottubru 2024 u baqa' jishaq li l-imputat heddu fl-14 ta' Novembru 2022. Jghid li l-imputat semma gaffef u trakkijiet. Qal li l-imputat qallu li jwitti hawn bih u li dan qalulu f'wiccu.

Xehed **Saviour Galea** ukoll fil-11 ta' Ottubru 2024 fejn sostna li sema' lill-imputat jhedded u jghidlu li "ser igib it-trakkijiet u jwitti kull ma hawn bik". Dan it-theddid sar fl-14 ta' Novembru 2022. Jghid ukoll li kien hemm certa Mario u ghajru ukoll. Jghid li l-imputat beda jghid li jwitti kull ma hawn bina.

Xehed l-imputat **Joseph Agius** fil-11 ta' Ottubru 2024 u cahad li hu qatt hedded lil xi hadd. Jghid li hu sema' minn terzi li kien qed jinghad diskors li hu hedded lill-kwerelant u mar jaffaccjah. Hu ipprezenta recordings ta' dan l-allegat diskors.[4] Jghid li Nicolai Galea qatt ma kien prezenti u hu qatt ma kellmu.

Ikkunsidrat:

Il-Ligi u Gurisprudenza Applikabbli

L-imputat qed jigi akkuzat taht l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa ta' natura kontravenzjonali.

L-Artikolu 339 (1) (e) tal-Kapitolu 9 jipprovdi:

339.(l) Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min -

(e) jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

[4] Pen drive in atti jidher li hu imkisser u ma stajtx nifthu.

Il-Qorti tinnota li c-citazzjoni taghmel referenza ghal "Kap 9 Sec 339 (1) (e)" hawn fuq riprodott. Il-Qorti qieset li kellha ticcita ezattament x'jghid dan l-Artikolu u dan peress illi l-akkuza fic-citazzjoni nfisha taqra:

1. Insulentajt, ingurjajt jew heddidt bi kliem jew b'mod iehor lil Nicholai Galea: liema akkuza tista' taqa' taht l-ewwel parti tal-Artikolu 339 (e).

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Lee Borg**[5]:

"Biex ikun hemm ir-reat ta' ingurja skond l-Artikolu 252, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skond il-kaz) ingurjuzi iridu jkunu gew komunikati, direttament jew indirettament, lil terza persuna – imqar terza persuna wahda – ghax b'hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata ("with the object of destroying or damaging the reputation of any person", fit-test Ingliz). **Kliem, gesti, kitba jew disinji ingurjuzi li jigu ndirizzati mill-agent lill-persuna li jkun qed joffendi izda li jibqghu bejniethom it-tnejn huma puniti bhala kontravvenzjoni skond il-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 339(1) tal-Kodici Kriminali**.[6]

Illi sabiex kliem jitqies li hu "theddid" issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Frendo**[7], fejn il-Qorti interpretat il-kelma theddida bhala biza t'aggressjoni futura: B'referenza ghall-ewwel aggravju, l-appellant jissottometti illi theddida vera u proprja ma kienx hemm. Fid-dawl ta' dak li ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Lulju 1995 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Frendo**, l-appellant josserva li l-prospett ta' hsara ghandu jkun prospett rejali fis-sens illi meta persuna tghid lil xi hadd li ser tikkommetti

[5] Per Onor. Imhallef Edwina Grima; Deciza 30 ta' Gunju, 2016
[6] Emfasi ta' din il-Qorti.
[7] Per Onor. Imhallef David Scicluna; Deciza 26 ta' Novembru, 2008; Appell Kriminali Numru. 76/2008.

fuqu xi aggressjoni fizika, jehtieg illi dan ix-xi hadd huwa konvint illi min qallu dak id-diskors ghandu l-kapacita` u l-propensita` li jasal. …..

F'sentenza ohra **Il-Pulizija vs Mario Camilleri**[8] gie deciz:

"Skond il-gurisprudenza (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) tas-7 ta' Lulju 1995 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Joseph Frendo' it-theddid ifisser li agent ikun qed jipprospetta lil persuna oħra ħsara ingusta. 'Il-Qorti hi soddisfatta li bid-diskors li qal l-appellant lil John Casa ……u specjalment bil-mod kif intqal dan id-diskors u bil-gesti li akkumpunjaw l-istess diskors, l-appellant kien qiegħed effettivament jhedded lill-imsemmi Casa. Fil-kuntest tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9, theddid tfisser li l-agent jipprospetta lil persuna oħra ħsara ingusta fil-futur (ħsara li pero' ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band'oħra fil-kodici, e.ż. l-artikolu 249 liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta' tal-istess agent.'

F'sentenza oħra mogħtija mill-istess Qorti iżda diversament preseduta ntqal hekk: 'Meta bniedem, wara kwistjoni li kellu ma ieħor, jieħu atteggjament li jħalli fl-istanti l-impressjoni li hu qiegħed ilesti ruħu għall-glied, dak l-attaggjament jammonta għal minaccja reali u verbali.' (L-Imħallef Dr. W. Harding 'Karmenu Cutajar versus Pawlu Cassar.' 25 ta' Gunju 1952.)

62. Ingħad ukoll li minaccja ma titlifx mis-serjeta' tagħha billi tkun kundizzjonata. (Ara: Stella Bugeja vs Rosina Bugeja tal-31 ta' Jannar 1949). Minn naħa l-oħra l-Antolisei jgħid dan li gej dwar il-minaccja: 'e' sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita' delle persone a cui e' rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro 'ti faro' vedere di che cosa sono

[8] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali; Per Onor. Magistrat Lawrence Quintano. Deciza 30 ta' Settembru, 2009; Numru 1181/2006.

capace..' Antolisei F. (1986) Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale' (Milano Giuffre).

Imbghad il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet: "Biex ikun hemm tali theddid is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta – bil-kliem, gesti jew b'mod iehor – xi forma ta' hsara ingusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv. Huwa veru li ma hemmx ghalfejn li l-hsara prospettata tkun determinata fis-sens li jigi indikat b'xi grad ta' precizjoni l-interess, guridikament relevanti, tas-suggett passiv li jkun qed jigi minaccat; u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jghid: "…e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` della persona a cui e` rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro` vedere di che cosa sono capace'".

Pero` dan it-turbament dejjem irid ikollu xi bazi oggettiva. Zammit ex admissis tghid li hi ma bezetx minn dak li qalilha Gauci; u effettivament fid-diskors ta' Gauci din il-Qorti ma tirravizax necessarjament xi prospettiva ta' hsara ingusta, izda pjuttost twissija dwar il-konsegwenzi (li jistghu ikunu anke perfettament legali, bhal, per ezempju, li wiehed jaghmel rapport lill-pulizija) jekk hija tkompli taghmel dak li kienet qed taghmel. Illi fuq dan l-isenjament ma jistax jitqies li l-kliem li ntqal jammonta ghal theddid.[9]

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-Qorti hija rinfaccata b'zewg verzjonijiet. Dik tal-kwerelant u ta' missieru li jsostnu kemm- il darba fix-xhieda taghhom li l-imputat dakinhar tal-14 ta' Novembru 2022 qalilhom li ser igib il-gaffa u t-trakkijiet u jwitti kull ma hemm bihom. Minn naha l-ohra l-imputat jghid li

[9] Pagna 5 sa 7 tas-sentenza.

hu qatt ma qal dan id-diskors u sahansitra li l-kwerelant qatt ma kien prezenti fil-hin tal-argument. Hu jghid li lil Nicholai Galea hu qatt ma kellmu.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti tfakkar illli mhux kull kunflitt ta' provi jwassal li wiehed jigi liberat mill-akkuzi dedotti kontrih u jekk Qorti temmen xhud wiehed biss allura tista' issib htija.

Din il-Qorti tqis u temmen li kien hemm argument bejn il-partijiet fl-14 ta' Novembru 2022 u li l-imputat qal id-diskors li kien ser igib it-trakkijiet u iwittu kull m'hemm bih jigifieri kien ser jghaddi bit-trakkijiet minn fuq Galea. Fil-fatt l-argument gie ammess minnu ukoll pero' qed jichad li kien fil-konfront ta' Nicholai Galea.[10] Fuq dan l-ahhar punt il-Qorti ma temminx lill-imputat. Forsi l-akkuzi setghu hargu biex jinkorporaw lil Saviour Galea ukoll pero' b'daqshekk ma jfissirx li l-kontravenzjoni ma sehhitx fil-konfront ta' Nicholai Galea.

Konsegwentament il-Qorti tqis illi l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat giet ampjament pruvata.

Decide:

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 339 (1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **JOSEPH AGIUS HATI** u qed tikkundannah twiddiba u canfira.

Inoltre ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed torbot lill-hati a favur ta' Nicholai Galea taht penali ta' elf Ewro (€1,000)

[10] Pagna 3 tax-xhieda tal-imputat.

sabiex ma jimmolestax u ma jikkuntatjax lill-vittma Nicholai Galea bl-ebda mod ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u x'jigri jekk huwa ma jonorax l-istess.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Agenzija tal-Qrati minnufih.

Moghtija illum 21 ta' Frar 2025 fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur.